MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 432/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Ciappara)**
**Vs**
**Anthony Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba’ w is-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusses tieghu w

naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalemnt jiltaqghu z-zaghzagh;

3. ikkommetta t-tali reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operativ tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-30 ta' Novembru, 1998;

4. sar recidiv fit-terminu ta' Art. 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel fit-28 ta' Jannar, 2000, Magistrat N. Cuschieri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 28A, 49 u 50 tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(20(b)(i)(ii) u l-proviso dwar l-aggravju tad-distanza tal-Kap. 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni bl-aggravju taghha kif ukoll ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha.

Ghaldaqstant il-Qorti gabet fis-sehh is-sentenza sospiza w ghalhekk ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tliet (3) snin u ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt lira Maltija (LM300). Il-multa tista' tithallas b'rati ta' LM20 fix-xahar (jew ekwivalenti fl-Ewro jekk xi parti tithallas wara l-1 ta' Jannar, 2008) bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Jekk xi parti ma tithallasx din tinbidel f'jum karcerazzjoni ghal kull LM5 (jew ekwivalenti fl-Ewro) mhux imhallsa.

Ai fini ta' l-artikolu 533, il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-periti mahtura li jammontaw ghal LM65.98 (hlas tal-perizja ta' l-ispizjar Mario Mifsud)

flimkien ma’ l-hlas tal-perizja tal-Perit Renato Laferla li l-prezz taghha mhux indikat fil-process.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata biex b’hekk tillibera lill-appellant minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi. L-appellant mill-bidu nett ikkontesta li d-droga kienet tieghu. L-inferenzi li ghamlet l-Ewwel Qorti biex sabet il-htija, u cioe' li ghax id-droga nstabet taht is-siggu tal-appellant kienet tieghu, ma tirrizulta minn ebda prova. Madwar l-appellant kien hemm nies li kollha jabbuzaw mid-droga. Dawn ma gewx arrestati mill-Pulizija w il-Pulizija ma ghamlitx *searches* fir-residenzi taghhom ukoll. Fit-tieni inferenza li ghamlet l-Ewwel Qorti, hi  strahet fuq dak li qalu l-Pulizija li ghamlu s-*search* fid-dar tal-appellant u cioe' li l-karti li nstabu fid-dar kienu "j*ixbhu* " u "*bhal*" dawk li nstabet id-droga fihom fil-Break Off Bar. Din il-prova ma hix konklussiva. Il-Pulizija jmissha talbet ghan-nomina ta' espert sabiex jigi stabilit bla dubju dettat mir-raguni li l-karta kienet identika. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma missha waslet ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Bla pregudizzju, l-Ewwel Qorti wkoll kienet skorretta meta ddecidiet li d-Detox Centre fl-Isptar San Luqa ghandu jigi meqjus bhala skola, club, jew post frekwentat miz-zaghzagh ghax dan mhu xejn hlief clinic. Bla pregudizzju, l-Ewwel Qorti kienet ukoll skorretta meta applikat (Sic!) it-tielet u r-raba akkuza, peress li l-appellant gja kien gie ggudikat dwar dawn il-kazijiet precedenti w ghalhekk hu ma jistax jerga' jigi ikkundannat fuq dak li gja nstab hati fuqu.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha tal-21 ta' Frar, 2008, li biha tat jumejn zmien biex l-avukat difensur b' nota jindika d-data tas-sentenza w jipprezenta kopja awtentikata tal-istess.

Rat li ma jirrizultax li tali nota w kopja ta' sentenza gew fil-fatt prezentati w esebiti.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju jiccentra fuq l-apprezament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza.

Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn).

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-atti processwali biex tara jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess "aggravat" tad-droga eroina skond l-ewwel imputazzjoni kienetx wahda li setghet tasal ghaliha legalment u ragjonevolment fuq il-provi prodotti.

Illi mill-ezami tal-provi prodotti jirrizulta li meta fid-9 t' Awwissu, 2001, PC 1086 Johann Micallef u PC 1183 Oliver Borg dahlu gol-Break Off Bar, go Gwardamangia w marru fuq l-appellant u qajjmuh bil-wieqfa, tahtu ezatt sabu borza b' xi qratas mimlijin b' sustanza kannella. Dawn kienu nstabu mal-art taht is-siggu fejn kien bilqeghda l-appellant. Kien hemm xi erba minn-nies ohra ma din il-mejda. Wara saret tfittxija fid-dar tal-appellant u

hemm hekk instabu xi bicciet tal-plastic li jista' jkun li jaqblu w kienu bhal dawk il-kantunieri li kienu instabu fil-Bar. Sabu wkoll xi siringi fid-dar tal-appellant. Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud umbaghad irrizulta li fit-trab il-kannella li kien hemm fi speci ta' tmin boroz zghar li kien hemm fid-dokument 04AAF18 f' ammont nett totali ta' 0.628 grammi, nstabet fihom is-sustanza eroina. Kienu wkoll instabu tracci ta' eroina fil-kuccarina u l-bicciet tal-plastic li nstabu fid-dar tal-appellant. Instab ukoll citric acid li jista' jigi uzat fit-tehid tal-eroina fid-dar tal-appellant. Fuq l-imgharfa instabu tracci tal-kokajina. (Fols. 84 sa 117).

Da parti tieghu l-appellant dejjem cahad li d-droga li nstabet fil-Bar kienet tieghu w li qatt ma kien raha ghalkemm ammetta li kien juza l-eroina u li l-ahhar darba li kien uzaha kien xi tlitt gimghat qabel id-9 t' Awwissu, 2001. L-affarijiet li nstabu go daru w cioe' kuccarina w imgharfa mahruqa u xi siringi kien juzhom hu . Hdejh fil-bar kien hemm mara li kienet ghadha kif dahlet  imma ma kienx ralha droga f' idejha. Kien hemm ukoll wiehed jghidulu Tal-Baqun u kien ilu xi kwarta jitkellem mieghu , izda hu ma kien rah jarmi xejn.. Il-borza li instabet tahtu qatt ma kien messha b' idejh u kien lest li jaghti l-finger prints tieghu . Cahad li hu kien id-Detox Centre biex jittraffika d-droga. Hu kien mar hemm ghall-mistura u kien qed jiehu te' (Fol. 24 u 25).

Kien fuq dawn il-provi li l-Ewwel Qorti sabet htija mhux biss ta' pussess tal-eroina imma ukoll ta' pussess aggravat cioe' taht tali cirkostanzi li kienu jindikaw li dik id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha bir-reqqa, ma tistax tghid li mic-cirkostanzi kollha l-Ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi li d-droga misjuba kienet fil-fatt tal-appellant skond il-ligi w ragjonevolment. Ma saret ebda bidu ta' prova - lanqas sal-grad tal-probabbli - li dik id-droga kienet tappartjeni lil xi persuna ohra li kienet madwar dik il-mejda w l-fatt li nstabet proprju taht is-siggu tal-appellant li *ex admissis* kien juza d-droga eroina, huwa ndizju qawwi bizzejjed li seta' jirradika l-konvinzjoni sal-

grad tac-certezza morali tal-htija tal-pussess f' mohh l-gudikant.

Stabilit dan, din il-Qorti taqbel ukoll mall-Ewwel Qorti li huwa sinifikanti li nstabu tmin boroz li d-daqs taghhom hu kwazi ezatt u li kienu jikkontjenu l-eroina w dan f' post sensittiv hafna w cioe' proprju vicin id-Detox Centre. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti tara li ma kienx hemm raguni ghala l-appellant kellu joqghod jigri barra bi tmin *sachets* proprju qrib id-Detox Centre fejn hu risaput li tant zaghzagh li ghandhom il-vizzju tad-droga jmorru ghall-kura. Ghalhekk anki hawn l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha w cioe' li c-cirkostanzi kienu tali li jindikaw li dak il-pussess tad-droga eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, rrizulta mir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti, l-A.I.C. Renato Laferla, li d-distanza bejn il-Break Off Bar u d-Detox Centre hi biss ta' 32.37 metri w ghalhekk entru l-perimetru stablit mill-ligi biex jissussisti dan l-aggravanti. Hu ovvju wkoll li fid-Detox Centre jkun hemm persuni ta' kull eta', imma l-aktar ta' eta' zaghzugha, li jattendu regolarment biex jigbru d-doza taghhom tal-methadone w jircevu trattament ghall-vizzju taghhom. Hu risaput ukoll mill-kazistika li f' dak il-post ta' sikwiet jkunu jhufu l-*pushers* ghax jafu li jkun hemm suq tajjeb ghall-prodott li jkunu qed jittraffikaw u dawn regolarment jitressqu quddiem il-Qrati w jinstabu hatja. Ghalhekk ma hemmx dubju f' mohh din il-Qorti li fl-agwati tad-Detox Centre jiltaqghu z-zaghzagh meta jkunu l-aktar vulnerabbli w identifikabbli bhala tali minn dawk li jkunu jridu jittraffikaw id-droga. Ergo dan hu post fejn jiltaqghu z-zaghzagh u, b' mod aktar pronunzjat minn kull post iehor, fejn l-istess zaghzagh ikunu l-aktar vulnerabbli. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghall-ahhar aggravju, l-allegazzjoni li l-appellant gja gie kundannat ghall-addebiti kontenuti fit-tielet u r-raba' imputazzjoni ma gietx sorretta mill-provi. L-avukat difensur tal-appellant kien inghata jumejn (2) zmien biex b'

nota jindika d-data tas-sentenza li skondu kienet ikkundannat lill-appellant ghal dawn l-addebiti w biex jesebixxi kopja taghha. Dan izda baqa' ma sarx sal-lum kwazi xaharejn wara. Inoltre mill-fedina penali aggornata tal-appellant bl-ebda mod ma jirrizulta li l-appellant gie diga trattat ghas-sentenza sospiza li hu kien inghata fit-30 ta' Novembru, 1998. Barra minn hekk hati jista' jinstab hati ta' recidiva w trattat bhala recidiv kull darba li jikkommetti reat iehor fit-terminu preskritt mill-ligi fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali minn xi sentenza li jkun inghata. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena "*ut sic*" u f' kull kaz, meta l-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata tal-appellant li minnha jirrizulta li nstab hati mill-Qrati mhux inqas minn hmistax l-darba w li f' hames okkazzjonijiet minnhom gie sentenzjat ghall-piena ta' prigunerija, apparti sentenzi ohra ta' sentenzi ta' prigunerija sospiza w liberazzjonijiet kondizzjonati, ma tara li hemm ebda lok ghall xi temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------